## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1267/2021**

## AX HOTEL OPERATIONS P.L.C. (C40905)

**vs**

## WORLDWIDE HOTEL LINK S.R.L. (KODIĊI FISKALI 03414330278)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' debitu dovut lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata fl-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85), u interessi bil-minimu ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, permezz ta' rikors ta' AX Hotel Operations p.l.c. preżentat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021, Laura Galea, debitament awtorizzata li tirrappreżenta lis-soċjeta' AX Hotel Operations p.l.c. fi proċeduri ġudizzjarji, ikkonfermat is-segwenti bil-ġurament tagħha għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' AX Hotel Operations p.l.c:

   a. Illi s-soċjeta' rikorrenti u s-soċjeta' konvenuta kienu f'negozju flimkien fejn is-soċjeta' rikorrenti kienet tipprovdi servizzi ta' akkomodazzjoni temporanju fi proprjetajiet differenti tagħha lis-soċjeta' konvenuta;

   b. Illi s-soċjeta' konvenuta kienet naqset milli tħallas lis-soċjeta' rikorrenti għas-servizzi u għalhekk daħlu f'kuntratt datat il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2020, fejn is-soċjeta' konvenuta ddikjarat illi kienet debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u elfejn, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€102,370.85), liema ammont is-soċjeta' konvenuta obbligat ruħha illi tħallas fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) kull xahar, liema ammont kellu jitħallas sa mhux aktar tard mill-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar;

   c. Illi ftit jiem qabel l-iffirmar tal-kuntratt, u preċiżament fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2020, is-soċjeta' konvenuta ħallset is-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000), liema pagament is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fl-erbgħa (4) ta' Ġunju 2020, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti kienet allokat bħala pagament akkont tal-ammont indikat fl-istess kuntratt datat ħamsa (5) ta' Ġunju 2020;

   d. Illi minbarra l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) li tħallas fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2020 kif spjegat, sussegwentement għall-ftehim fuq imsemmi, is-soċjeta' konvenuta kienet ħallset sitt pagamenti ta' erbat elef (€4,000) kull waħda permezz ta' *credit card payment* fid-dati segwenti: 27 ta' Ġunju 2020, liema ammont is-

soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fit-2 ta' Lulju 2020; 31 ta' Lulju 2020, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fl-istess ġurnata; 1 ta' Settembru 2020, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fl-istes ġurnata; 28 ta' Settembru 2020, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fl-istess ġurnata; 2 ta' Frar 2021, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fl-istess ġurnata; 27 ta' Frar 2021, liema ammont is-soċjeta' rikorrenti daħħlet fis-sistema tagħha fit-2 ta' Marzu 2021;

e. Illi mingħajr ebda raġuni valida kemm fil-liġi u kemm fil-kuntratt, is-soċjeta' konvenuta waqfet milli tkompli tħallas il-pagamenti, u għaldaqstant l-ammont illi s-soċjeta' konvenuta għad fadlilha illi tħallas huwa ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85), u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta f'din is-somma, liema somma hija rappreżentanti bilanċ ta' ammonti ikbar;

f. Illi fuq is-somma preċitata ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85), hemm dovuti l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sal-pagament effettiv u dan kif stipulat fil-ftehim tal-5 ta' Ġunju 2020;

g. Illi minkejja interpellata tħallas dan l-ammont, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;

h. Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut;

i. Illi l-preżenti proċeduri kienu qed isiru sabiex din il-Qorti tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85), u għaldaqstant tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas dan l-ammont lis-soċjeta' rikorrenti;

j. Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti Laura Galea kienet taf personalment b'dawn il-fatti kollha, u ppreżentat affidavit tagħha stess anness mar-rikors ġuramentat;

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85); u

   ii. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85) dovuta skont il-kuntratt datat 5 ta' Ġunju 2020, oltre l-imgħaxijiet bil-minimu ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

   Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli mill-5 ta' Ġunju 2020 kontra s-soċjeta' konvenuta, u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lis-soċjeta' intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' rikors tas-soċjeta' rikorrenti AX Hotel Operations p.l.c. preżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat u datat ukoll tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha tinnotifika lis-soċjeta' intimata bir-rikors ġuramentat u bil-mozzjoni tas-smigħ u kull dokument jew att relatati mal-proċeduri odjerni fl-Italja, ai termini tal-Art 15(1) tal-Avviż Legali 279/2008 (L.S. 12.09) u tal-EU Council Regulation 1393/2007 tramite l-uffiċju tal-Avukat

tal-Istat. Dan stante illi s-soċjeta' intimata hija reġistrata barra minn Malta, u cioe ġewwa l-Italja illi huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, soġġett ukoll għar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Din il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet ieħor datat ukoll erbgħa (4) ta' Jannar 2022;

6. Permezz ta' nota datata għoxrin (20) t'April 2022, l-Avukat tal-Istat ippreżenta Ċertifikat ta' Notifika u numru ta' dokumenti relattivi, illi kienu ġew mibgħuta lilu mill-Aġenzija li Tirċievi tal-Italja ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 1393/2007, u dan wara li l-Avukat tal-Istat kien bagħat rikjesta lill-imsemmija Aġenzija sabiex tiġi notifikata s-soċjeta' intimata Worldwide Hotel Link s.r.l. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ngliża nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2022;

7. Waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022, irriżulta mill-atti tal-kawża odjerna illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata, kienet kontumaċi. Konsegwentement, is-soċjeta' attriċi ddikjarat illi kienet qed tistrieħ fuq il-provi in atti li ġew ippreżentati mar-rikors ġuramentat, u li ma kellhiex provi oħra xi tressaq.

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' AX Hotel Operations p.l.c., u d-dokumenti annessi miegħu, kif ukoll ir-rikors preżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat mill-istess soċjeta' rikorrenti;

9. Reġgħet rat iż-żewġ digrieti tal-erbgħa (4) ta' Jannar 2022;

10. Reġgħet rat in-nota tal-Avukat tal-Istat u ċ-Ċertifikat ta' Notifika anness magħha;

11. Reġgħet rat il-verbal tas-seduta miżmuma nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

13. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tas-soċjeta' konvenuta fil-kawża odjerna;

14. Jirriżulta mill-atti illi r-rikors ġuramentat ġie notifikat lis-soċjeta' konvenuta fis-sittax (16) ta' Marzu 2022[1]. Minn dan iċ-ċertifikat jirriżulta illi d-dokumenti ġew aċċettati minn ċertu Adriana Rigo illi hija identifikata bħala *"impiegata, dipendente"*[2] ta' Worldwide Hotel Link s.r.l. ta' Viale Ancona, 24/1 30170 Mestre, Venezia, l-Italja, u cioe s-soċjeta' intimata;

15. Waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022, minkejja illi s-soċjeta' konvenuta kienet taf bil-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tagħha, hija naqset milli tintavola risposta għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi, u naqset milli tattendi, jew milli, mill-inqas, tinkariga u/jew tibgħat rappreżentant legali sabiex jirrappreżentaha fil-proċeduri odjerni;

16. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*

[1] Vide **Certificato di Notificazione o Comunicazione o di Mancata Notificazione o Comunicazione di un Atto** formanti parti minn **Dok AS1**, a fol 38 tal-proċess

[2] Vide fol 40 tal-proċess, formanti parti minn **Dok AS1**

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

17. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi s-soċjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja;

18. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, is-soċjeta' konvenuta kellha tingħata l-possibilta' illi tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqset milli tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħha tar-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[3], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[4], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

---

[3] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[4] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

*(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

*(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

19. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

*Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament*

*bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

20. Fil-każ odjern, is-soċjeta' konvenuta kienet ben konxja tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tagħha, għaliex ġiet notifikata bl-atti u bid-dokumenti kollha. Ma kienx il-każ illi r-rikors ġuramentat ma setax jinftiehem mis-soċjeta' konvenuta minħabba differenzi lingwistiċi, stante illi mar-rikors ġuramentat bil-Malti, is-soċjeta' konvenuta rċeviet ukoll traduzzjoni tal-istess bil-lingwa Ngliża. Anke jekk għall-grazzja tal-argument is-soċjeta' konvenuta kellha raġuni valida illi għaliha ddeċidiet illi ma ddaħħalx risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta' konvenuta kellha mill-inqas tara illi tkun rappreżentata waqt is-seduti tramite rappreżentant legali f'Malta sabiex titlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi għandha xi prova ta' kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

21. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni.

Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[5], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

Il-fatt, għalhekk, illi s-soċjeta' konvenuta qiegħda titqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi s-soċjeta' konvenuta naqset milli tirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli tattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża Odjerna</u>*

22. Il-kawża odjerna tirrigwarda debitu dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti. Wara illi eżaminat il-provi dokumentarji in atti, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

   a. Kienet is-soċjeta' konvenuta stess illi ddikjarat ruħha debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €102,370.85 fl-iskrittura datata ħamsa (5) ta' Ġunju 2020[6];

---

[5] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

[6] Vide **Dok AX1** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 11 tal-proċess

b. Kienet ukoll is-soċjeta' konvenuta stess illi, fl-istess skrittura, obbligat ruħha illi tħallas pagamenti mensili ta' €4,000 sakemm jinqata' l-bilanċ hekk dovut;

c. Tant kienet konxja s-soċjeta' konvenuta tal-fatt illi l-bilanċ kien dovut, illi għamlet numru ta' pagamenti mensili lis-soċjeta' rikorrenti, kif jixhdu l-irċevuti preżentati mis-soċjeta' rikorrenti mar-rikors ġuramentat[7];

d. Il-fatt illi ma sar l-ebda pagament ieħor wara dak tat-2 ta' Marzu 2021, u illi l-ammont illi għadu dovut huwa dak ta' €74,370.85, ġie konfermat mill-Kap tal-Finanzi tas-soċjeta' rikorrenti **Laura Galea** bil-ġurament tagħha[8];

23. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet hawn fuq magħmula, u fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet jew prova kontrastanti da parti tas-soċjeta' konvenuta, din il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ġew sodisfaċentement pruvati, u għalhekk sejra tgħaddi sabiex **tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €74,370.85, u tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-istess somma**;

24. F'dak illi jirrigwarda l-imgħaxijiet dovuti, din il-Qorti tinnota illi l-obbligazzjoni in kwestjoni tinkwadra ruħha b'mod mill-aktar ċar taħt id-definizzjoni ta' atti ta' kummerċ stabbilita fl-Artikolu 5(e) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe *"kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom"*. L-imgħax dovut għandu għalhekk jibda jiddekorri ai termini tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe:

*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

[7] Vide **Dok AX2** sa **Dok AX15** a fol 12 sa 25 tal-proċess
[8] Vide l-affidavit ta' Laura Galea anness mar-rikors ġuramentat bħala **Dok AX17** a fol 27 tal-proċess

25. Din il-Qorti tosserva illi skont il-ftehim redatt bejn il-partijiet [9], ir-rata t'imgħax illi l-partijiet ftiehmu dwarha hija dik ta' tmienja fil-mija (8%), u l-pagamenti kellhom isiru sal-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar. Fil-każ t'April 2021, inzerta illi l-aħħar Ġimgħa kien it-tletin (30) t'April 2021. Skont il-klawsola numru 3(b) tal-ftehim suriferit, is-soċjeta' konvenuta kellha sa ġimgħa minn din id-data ċans sabiex teffettwa l-pagament, u, fin-nuqqas illi tagħmel dan, titlef il-benefiċċju tal-ħlas f'ammonti mensili. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma **<u>illi l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) għandu jibda jiddekorri sa minn ġimgħa mid-data tat-tletin (30) t'April 2021, u cioe mis-sebgħa (7) ta' Mejju 2021 sad-data tal-effettiv pagament</u>**.

**Decide**

26. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85); u

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, tliet mija u sebgħin Ewro, u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€74,370.85), oltre l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-sebgħa (7) ta' Mejju 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu wkoll mis-soċjeta' konvenuta.

---

[9] Vide **Dok AX1** anness mar-rikors ġuramentat a fol 11 tal-proċess

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**